**Qorti Tal-Maġistrati Malta**

**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tad- Distrett Zejtun (5Z)**
**Referenza tal-Każ: D5Z-00137-2019-5**

**Il-Pulizija(Spettur TREVOR VICTOR MICALLEF)**

**Vs**

**Lawrence Vella (K.I. Nru. 391073M)**

Illum, 30 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Lawrence Vella ta 46 sena, bin JOSEPH u MARY ANNE xebba GRIOLI imwieled gewwa PIETA [Tal-Pietà] nhar 22 ta` Awwissu 1973 u residenti fil fond 46, Belveder, Fl 1, Triq il-Qadi, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 391073M gie akkuzat bis-segwenti akkuzi:

*"Talli bejn it-13/7/2019 u x-xahar t`Ottubru 2019 ġewwa l-Gzejjer Maltin:*

*[1] Minghajr l-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd jhallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil CARL GRECH U LARA RUNCO fil-pussess ta` hwejjga b`xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg ta`haddiehor (Kap 9 Artiklu 85(1))"*

Rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 9 Artiklu 85(1)

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti

Fliet l-atti kollha processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhiedha ta' **WPS 219 E. Galea Abela** (moghtija permezz ta' affidavit), tal-kwerelanti **Dr. Carl Grech** u l-**Perit Lara Runco**, tal-imputat innifsu **Lawrence Vella** u kif ukoll ta' martu **Pauline Vella** lkoll moghtija *seduta stante* fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020, hareg illi l-kwistjoni tirrigwarda kantina jew giebja (il-kwerelanti isejjhula kantina filwaqt li ghall-imputat u ghall-martu din m'hija xejn hlief giebja) li parti minnha tigi sottostanti l-fond proprjeta' tal-imputat u ta' martu (32, Dar il-Hagriet, Misrah Bonici, Zejtun) u parti ohra tigi taht il-fond proprjeta' tal-kwerelanti (33, Misrah Gregorio Bonici, Zejtun).

Illi skond il-kwerelanti huma kienu xtraw il-proprjeta' in kwistjoni f'xi zmien fl-ewwel xhur tal-2019. F'April 2019, meta l-kwerelanti htiegilhom jaghmlu *condition report* (fol 20) tal-proprjeta' adjacenti minhabba li kienu ser jibdew xogholijiet ta' zvilupp fl-istess proprjeta', huma marru fuq is-sit tal-proprjeta' adjacenti fejn hemmhekk setghu jinnutaw illi fil-kcina (i.e. tal-imputat u martu) il-madum kien shih u cioe' ma' kien hemm l-ebda madum maqluh mill-art. Skond il-kwerelanti huma kienu jafu bil-kantina taht il-proprjeta' taghhom tant illi anke ghamlu 3D Survey tal-istess (ara fol 44). Mill-provi hareg ukoll illi f'Lulju 2019 filwaqt li l-imputat u martu kienu qeghdin jaghmlu xi xogholijiet fid-dar taghhom, dawn nifdu fil-katina mill-kcina taghhom. F'dan l-istadju, il-kwerelanti avvicinawhom fejn infurmawhom illi dik il-kantina kienet proprjeta' taghhom avolja kienet parzjalment ukoll taht il-proprjeta' tal-imputat (u ta' martu). Jidher illi l-imputat u martu ma' qablux u ddeciedew li jkomplu bix-xogholijiet anke wara li l-kwerelanti wissewhom li dak li kien qeghdin jaghmlu kien illegali. Gewwa l-kantina/giebja filfatt spicca xi madum tal-kcina u anke tnizzel barmil mill-imputat u martu sabiex fi kliem l-imputat jaraw kemm kienet fonda il-kantina. Sussegwentement il-kwerelanti pprezentaw kwerela lill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi mill-provi hareg car illi l-imputat u martu qed jikkuntestaw mhux biss it-titolu tal-kwerelanti fuq il-kantina (jew kif isejjhulha huma, giebja) izda sahansitra l-pussess tal-imsemmi kantina mill-kwerelanti. F'dan ir-rigward difatti l-imputat u martu jinsabu ghaddejn fi proceduri gudizzjarji separati mal-kwerelanti, ta' natura civili, f'dak li ghandu x'jaqsam l-allegat *spoll* u anke l-*actio rei vindicatoria*. Manadakollu m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina xi kuntratti jew inkella tara minn huwa l-proprjetarju tal-kantina jew giebja, ghaliex l-artikolu in kwistjoni (Kap 9 Artiklu 85(1)) jipprotegi lil pussessur u mhux necessarjament lis-sid.

Illi l-Qorti ma' taqbilx mas-sottomissjoni tal-abbli avukat tal-imputat illi l-ezistenza ta' katusi li jsorgu mill-bitha tieghu ghal gol-kantina/giebja hija minna nfusha prova illi l-imputat kellu pussess, esklussiv jew le, tal-istess kantina/giebja ad esklussjoni tal-awturi tal-kwerelanti.

Illi fir-rigward tar-reat ta' ragion fattasi taht l-artikolu 85 inghad minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **"Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech) v Michael Portelli"** (Rif Nru. 484/2004 CSH, deciza 20 ta' Lulju 2006) illi *"l-azzjoni bazata fuq l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigia bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson, meta kien qed jigi abbazat l-Kodici Penali Malti, kien osserva fir-rapport tieghu fir-rigward li:*

*It is doubtful whether acts of this kind could not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict on claim for damages…" [vide Professur Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law – parte speciale Vol II]*

*Ir-reat ta' ragion fattasi mhux meqjuz bhala reat kontra l-proprjeta izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja w amministrazzjonijiet pubblici ohra.*

*Dan l-artikolu tal-ligi 85 tal-Kap 9 jittutela l-pussess u mhux il-proprjeta. [vide Il-Pulizija v Joseph Bongailas deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Ottubru 2001].*

*Fil-fatt gie enuncjat fis-sentenza Il-Pulizija v John Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1991 li: "Taht l-artikolu 85 ma hemm ebda bzonn li jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minnhekk. Id-dicitura tal-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anke fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif gie ripetutament deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, anke is-semplici drittijiet normalment konpetenti lil persuna koncernati."*

*L-ispiritu dwar dan r-reat jispjegah il-Carrara bhala d-disprezz lejn il-proceduri gudizzjarji:*

*"Lo spirito della gustizia costituisce la indole giuridica di questo reato; e tali spirito ricorre nel caso, tanto intrinsicamente quanto entrinsicamente. Ricorre intrinsicamente perche di fatto il fatto usura la prerogative del Magistrato. Ricorre entrinsicamente perche il privato, cosi facendo mostra di non aver fiducia nel Magistrato." [Programme Vol V para 2855]*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar t-tnejn w ghoxrin ta' April 1961, [vol XLV. 11. 942] fl-ismijiet Il-Pulizija v Antonia Cremona qalet li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi, hija intiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretenzjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh, jezercita dawk d-drittijiet li hu jippretendi li ghandu."*

*... Kif osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija nhar l-ghoxrin ta' Lulju 1950 fl-ismijiet Il-Pulizija v Giovanni Schembri u dik moghtija nhar l-ebatax ta' Dicembru 1957 fl-ismijiet Il-Pulizija v Salvatore Farrugia u dan fuq t-tghalim tal-Carrara [Programma Vol V para 2850] hu cert li l-elementi kostituttivi ta'dan r-reat ta' ragion fattasi huma erbgha cioe:*

*1. **L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qed igawdi** u li jkun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*2. **Il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju tad-dritt** – ghalkemm r-reat jissejjah ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet – jew iktar komunement u gratifikament ragion fattasi;*

*3. **Il-koxjenza** fl-agent li hu qed jaghmel di privato braccio dak li jmesssu jsir permezz tal-awtorita pubblika; u*

*4. In-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi."*

**Ikkunsidrat**

Illi wara li kellha cans tisma' lill-erba' protagonisti f'din il-kawza, cioe' lill-kwerelanti, lill-imputat u lill-mart l-imputat, u wara li ezaminat id-dokumenti esebiti, il-Qorti hija konvinta moralment illi independentement minn min huwa l-proprjetarju tal-kantina, il-kwerelanti jew l-awturi taghhom kellhom il-pussess rikjest mill-ligi fuq l-istess kantina ghalkemm l-imputat u martu emmnu li kellhom id-dritt illi jaghmlu dak li ghamlu anke jekk kienu jafu, jew ragjonevolment kellhom ikunu jafu illi kienu qed jiehdu l-ligi b'idejhom minflok ma' rrikorew ghall-awtorita' pubblika. L-imputat u martu kienu jaf ukoll illi dak li kienu ser jaghmlu ma' kellux il-kunsens tal-kwerelanti peress illi dawn kienu diga bil-kelma t-tajba nfurmawhom illi skond huma, l-kantina kienet proprjeta' taghhom.

Illi f'dak l-istadju dak li kellhom jaghmlu l-imputat u martu kien li jaghlqu l-bokka li nfethet fil-kcina sakemm jiehdu direzzjoni mill-Qorti dwar kif jistghu jipprocedu u dan permezz tal-ftuh ta' proceduri gudizzjarji appoziti. Certament ma' kellhomx jibqghu ghaddejin bix-xogholijiet u addirittura jnizzlu barmil sabiex jaraw kemm hija fonda l-istess kantina.

Illi għalhekk l-akkużi kif imressqa jirriżultaw ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

**Decide**

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikolu 85 u l-Artikolu 377(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u timmultah multa ta' mitt euro (€ 100). Inoltre tordnalu sabiex fi zmien tlett gimghat millum jirripristina l-bokka in kwistjoni taht sorveljanza ta' perit ghal status quo ante billi din tigi maghluqa b'mod permanenti.**

**Dr. VICTOR GEORGE AXIAK**
**Maġistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Reġistratur**